CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

L-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-3.05pm.

**58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

58.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Seba' u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

58.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

58.3.1 Il-Sindku staqsa lis- Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm xi risposta mingħand ir- Restoration Department rigward ix-xogħolijiet ta' restawr meħtieġ fuq in-niċċa ta' San Pawl ġewwa il-Pjazza tal-Griegi li huwa fi stat ta' periklu.

58.3.1.1 Is- Segretarju wieġeb fin-negattiv. Għalhekk is- Sindku talab li jsir rapport l-għassa tal-pulizija biex aħna bħala Kunsill inkunu koperti minn terzi.

58.3.2 Is- Sindku talab li jsir xi manutenzjoni fuq is- siġra li tinsab in-naħa tax-xellug tal-mina li tgħati għal Loenzo Calleja Ditch.

58.3.3 Is- Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu mas- segretarju personali tal- Ministru għat-Trasport u Proġetti Kapitali, l-Onor. Dr. Ian Borg fuq xi pendenzi li għandu l-Kunsill f'dak li jirrigwarda trasport u xogħolijiet infrastruttutrali. Il-laqgħa li matulha kien hemm prezenti xi kunsilliera kienet posittiva u ser nistennew azzjoni mill-ministeru.

**F' dan il-ħin (15.20pm) daħlet għal laqgħa il-Kunsilliera Maryann Sultana**

58.3.4 Is- Sindku ta' rendikont tal-laqgħa tas- sottokumitat biex ifassal il-policy ġdida li ser tintuza mill-Kunsill fil-ħruġ ta' pemessi għal vetturi biex jidħlu ġewwa l-Mdina. Huwa poġġa fuq il-mejda tal-kamra, dokument ta' din il-policy għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li jgħaddu sitt xhur il-Kunsill ser jirrevedi din il-policy f'kaz li jkun hemm bzonn. Il-Kunsill approva.

58.3.5 Is- Sindku infurma lil-Kunsill li fondi allokati mill-MEPA tal-UIF telaw għal € 11,586.68. F'dan ir-rigward huwa kien qed jipproponi li fil-bidu tas-sena d-dieħla ssir applikazzjoni biex dawn il-fondi jintuzaw għal manutenzjoni tat-triq li tinsab biswit il-Casino Notabile fin-nizla għaliex qeda fi stat prekarju u tista' tkun ta' periklu għas-sewwieqa. Il-Kunsill approva li dawn il-flus jintuzaw għal dan il-għan.

58.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-lokalita' ta' L-Mdina ġiet magħzula mill-Ministeru ta' L-Ambjent biex tibbenefika mill-għotja ta' € 30,000 biex jsir it-tisbieħ tal-ambjent naturali taz-

zona urbana. Huwa qal li bħala Kunsill tlabna għal kwotazzjoni mingħand is- Sur Raphael Carabott biex timtela' l-applikazzjoni għal dan il-fond u li trid tintbgħat sa' l-aħħar ta' Novembru. Il- Kunsill approva

58.3.7 Is- Sindku rraporta fuq il-laqgħa li kellu mas- Segretarju Parlamentari għal- Kunsilli Lokali, l-Onor. Silvio Parnis fejn fiha ġew diskussi l-applikazzjoni mal-Planning Authority biex jitkompla l-proċess fejn art li tinsab fi Triq L-Għarreqin tinbidel f'Car Park. Il-kirja tal-post min fejn qed jopera l-Kunsill prezenti u r-Restawr tal-Għajn tal-Kavallieri. Is- Segretarju Parlamentari ser jara li dawn it-tlett suġġetti jiġu ndirizzati u tingħata l-għajnuna meħtieġa mill-Gvern Lokali

58.3.8 Is- Sindku xtaq uffiċċjalment jirringrazzja lis- Sur Francis Tabone għall-għotja ta' *litter bin* biex titpoġġa ġewwa l-Mdina biex jgħin inħarsu l-ambjent tal-belt.

58.3.9 Is- Sindku huwa ta' l-opinjoni li fl-uffiċċju ta' dan il-kunsill jiġi ingaġġat impjegat ieħor fejn bħalissa qed naħdmu b'persuna waħda fuq *reduced hours* fejn ċ-ċirkostanzi ta' llum peress li zdied ix-xogħol tal-Kunsill, jirrikjedi li għallinqas jkollna wieħed/waħda full time. Il-Kunsill approva biex jibda dan il-proċess ta' ingaġġar.

**58.4 Draft By-Laws dwar Uzu ta' Faċilitajiet u Armar ta' Għamara f'fetħiet pubbliċi fl-Mdina-Approvazzjoni**

58.4.1 Tressqet bye-law dwar l-Armar ta' Ghamara f'fetħiet pubbliċi fl-Imdina, kopja ngħatat lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa – din il-bye-law tressqet sabiex jigi regolati l-armar , bħal buskers u attivitajiet oħra mingħajr il-permess tal-Kunsill. Din giet approvata kif imressqa

58.4.2 Tressqet bye-law dwar l-uzu ta' faċilitajiet fl-Imdina, kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa – din il-bye-law tressqet sabiex jiġu awtorizzati dawk il-persuni li jkunu jridu juzaw l-faċilitajiet ġewwa l-Mdina, permezz ta' applikazjoni. Din giet approvata kif imressqa

**58.5 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

58.5.1 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-ġbir tal-borza riċikklata skada u hemm bzonn li tinħareg *expression of interest* li zewġ kumpaniji rikonoxxuti mid- Dipartiment għal-Gvern lokali. Il-Kunsill approva.

58.5.2 Is- Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill biex japprova offerta għal-komputer ġdid għal *front office* peress li dak prezenti ilu izjed min seba' snin fl-uffiċċju. Il-Kunsill approva l-irħas offerta li kienet ta' C-Planet IT Solution għal prezz ta' € 759.92.

58.5.3 Cirkulari Nru. 30/2017- Twettiq ta' proġetti għall-komunita' bla spejjez għall-kunsilli lokali. Il-Kunsill ħa nota tagħha.

57.5.6 Laqgħa tas- Sindki li ser issir nhar il-15 u 16 ta' Diċembru 2017. Għal din il-laqgħa ser jattendu is- Sindku, Viċi Sindku, Minority Leader u s- Segretarju Ezekuttiv.

**58.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

58.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib iddata tal-11 ta' Novembru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,074.35

58.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Camille Scerri li kien issekondat mill- Kunsilliera Maryann Sultana Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**58.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

58.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra,l-laqgħa ġiet aġġornata għal 11 ta' Diċembru 2017 fit-3pm

IFFIRMATA
______________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
______________
Mark Mallia
Segretarju Ezekuttiv

Data: 11-12-2017_______